MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE,
CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES

5 ta' Mejju 2015

MIND D GAP

*Together we can make a difference*

# KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

## SFOND

Il-Gvern Malti wiegħed li se jiftaħ is-soċjetà, li jiċċelebra d-diversità, li jirrikonoxxi r-realtajiet soċjali ta' madwarna, li jgħożż l-identità Maltija mingħajr diskriminazzjoni, li jiżgura l-ugwaljanza u r-rispett lejn gruppi minoritarji u, fuq kollox, li jħares id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-libertajiet ta' kulħadd.

Il-Gvern jemmen li r-realtajiet preżenti li qegħdin jiffaċċjaw l-immigranti li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi (jiġifieri dawk il-pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea), għandhom jingħataw attenzjoni immedjata.

Għal din ir-raġuni, il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili (MSDC) nieda proġett taħt l-isem *Mind D Gap: Together we can make the difference (IF 2013-17)*. L-għan tiegħu huwa li jappoġġja l-isforzi li jsiru sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġejjin minn sfondi nazzjonali, ekonomiċi, soċjali, kulturali, reliġjużi, lingwistiċi u etniċi differenti, sabiex jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' residenza u sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà Maltija. Il-proġett huwa intenzjonat sabiex jigwida u jinforma l-*Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tal-Immigranti 2015-2020*, li mistennija tkun ippreżentata aktar tard matul l-2015.

Din l-*Istrateġija* se tkun żviluppata f'qafas li jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem, opportunitajiet u obbligazzjonijiet indaqs għal kulħadd. Fost affarijiet oħra, se tippromwovi d-diversità bħala valur bażiku għall-kisba ta' koeżjoni soċjali akbar.

L-għan tal-*Istrateġija* huwa li jinġiebu bidliet vera fis-soċjetà tagħna lill-immigranti li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi, u sabiex tinbena komunità fejn kulħadd, irrispettivament mir-razza, kulur, reliġjon jew opinjoni politika, età, sess, ġeneru, diżabbiltà, orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru jew kwalunkwe status ieħor, jista' jgħix, jaħdem u jirnexxi f'kuntest ta' ġustizzja, ugwaljanza, drittijiet, responsabbiltajiet u rispett.

# OQSMA TA' POLITIKA EWLENIN

L-oqsma li ġejjin ġew identifikati bħala rilevanti u importanti sabiex jintlaħaq l-għan tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u b'hekk nippromwovu l-valur bażiku u komuni ta' soċjetà karatterizzata mid-diversità. Dawn l-oqsma politiċi se jkunu qed jistabbilixxu direzzjoni u gwida lejn l-iżvilupp tal-*Istrateġija*.

Din l-*Istrateġija* timmira li tiżgura li l-miżuri li jirrigwardaw servizzi, inizjattivi u interventi jiġu żviluppati, implimentati u/jew imsaħħa, b'hekk tipprovdi għal proċessi effettivi ta' integrazzjoni.

Dawn l-oqsma huma:

1. *Niddefendu d-drittijiet u nissodisfaw id-dmirijiet:* antidiskriminazzjoni u ugwaljanza
2. *Nirrisolvu l-fruntieri soċjali u jkunu pprovduti l-opportunitajiet:* edukazzjoni / suq tax-xogħol
3. *Ikunu promossi relazzjonijiet interkulturali / Titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-integrazzjoni:* tingħata aktar setgħa lill-komunitajiet lokali
4. *Parteċipazzjoni ċivili:* Nilħqu ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi
5. *Djalogu istituzzjonali:* Kunsill Konsultattiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi / dawk li jfasslu l-politika u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet

# MISTOQSIJIET GĦALL-KONSULTAZZJONI

L-*Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tal-Immigranti 2015-2020* se tistabbilixxi Għanijiet Strateġiċi taħt kull wieħed minn dawn l-oqsma ta' politika ewlenin. Din l-*Istrateġija* se timmira li twaqqaf struttura fejn fiha jkun hemm riżorsi li jkunu jistgħu jitħaddmu b'mod effettiv u integrat biex jagħmlu użu strateġiku mill-finanzjament disponibbli, tkun evitata d-duplikazzjoni, tkun żgurata l-kumplamentarjetà, u jintleħaq l-għola impatt fis-soċjetà.

1. Taqbel mal-linja ġenerali tal-Oqsma ta' Politika Ewlenin kif indikati hawn fuq?
    - Hemm xi ħaġa li għandha tiżdied jew titħalla barra?

- Għandek xi proposti li tixtieq twassal f'dan il-kuntest?

2. Jekk jogħġbok daħħal xi kummenti jew proposti addizzjonali li tixtieq tagħmel fir-rigward tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

3. Jekk jogħġbok ibgħatilna kwalunkwe dokumenti li jirreferu għall-integrazzjoni fir-rigward tal-kuntest nazzjonali li inti temmen li għandhom jiġu kkunsidrati fil-formulazzjoni tal-*Istrateġija*.

# SOTTOMISSJONIJIET

L-għan ta' din il-konsultazzjoni huwa biex individwi u organizzazzjonijiet ikunu pprovduti b'opportunità li jikkummentaw dwar l-*Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tal-Immigranti 2015-2020*. Il-mistoqsijiet għandhom jinqraw flimkien mad-dokument tal-konsultazzjoni.

Id-dokumenti jistgħu jitniżżlu mis-sit tal-internet tal-MSDC:

www.socialdialogue.gov.mt/integration

Ir-risposti kollha għal din il-konsultazzjoni għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz elettroniku:

integration@gov.mt

Jew bil-posta lil:

'Konsultazzjoni Pubblika dwar NMIS 2015-2020'
c/o Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili
Xatt il-Barriera
Il-Belt Valletta VLT 1971

**Risposti jridu jaslu sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2015.**

Ir-risposti kollha se jitqiesu bħala pubbliċi u jistgħu jkunu ppubblikati fuq is-sit tal-internet tal-MSDC. Meta tissottometti r-risposta, jekk jogħġbok indika jekk hux qed tikteb bħala individwu jew inkella f'isem xi organizzazzjoni.

1. F'każ ta' individwu, jekk jogħġbok inkludi n-numru tal-Karta tal-Identità jew tal-Passaport fl-email jew fil-formola onlajn, kif ukoll dettalji fejn inkunu nistgħu nikkuntattjawk.
   Jekk tagħżel li tissottometti permezz ta' dokument fil-format ta' PDF, jekk jogħġbok inkludi ismek u kunjomok fl-ewwel paġna.

2. F'każ ta' organizzazzjonijiet jew kumpaniji, jekk jogħġbok inkludi l-pożizzjoni tiegħek, l-isem sħiħ tal-organizzazzjoni, indirizz, numru ta' reġistrazzjoni u d-dettalji dwar tal-kuntatt.

Wara li r-risposti kollha jiġu kkunsidrati, se jkun ippubblikat rapport fuq is-sit tal-MSDC.

Grazzi talli ħadt il-ħin biex taqsam l-opinjonijiet tiegħek.

**Dikjarazzjoni tal-Protezzjoni tad-Data** Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap 440)

L-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, 2001 jirregola l-proċessar ta' data personali kemm b'mod elettroniku jew f'forma manwali. Il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili jiġbor informazzjoni li hija neċessarja biss sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet mistennija minnu u huwa kommess li jkun konformi mal-Prinċipji tal-Protezzjoni tad-Data hekk kif imniżżel fl-Att. Il-verifikazzjoni ta' numru tal-karta tal-identità ssir fejn tinħass il-ħtieġa. Id-data personali pprovduta tiġi proċessata skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data (Kap 440).

Barra minn hekk, kun informat li: **Żvelar taħt l-Att dwar il-Libertà għall-Informazzjoni (Kap 496)** Minħabba li aħna awtorità pubblika id-dokumenti kollha li nżommu, li jinkludu dokumenti relatati ma' dan il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika, jistgħu jkunu rilaxxati wara talba li ssir lilna taħt l-Att dwar il-Libertà għall-Informazzjoni (Kap 496), sakemm tali talba ma tkun soġġetta għal eżenzjoni li titqajjem fl-istess Att.

**General Programme Solidarity & Management of Migration Flows (2007 – 2013)**

This project is part-financed by the European Union
European Fund for the Integration of Third Country Nationals (IF)

Co-financing rate: 75% EU Funds: 25% Beneficiary Funds

***Sustainable Management of Migration Flows***

# TERMINI EWLENIN

*Integrazzjoni:*

Dan it-terminu jirreferi għal proċess reċiproku u għall-kapaċità tan-nies li jgħixu flimkien b'rispett lejn id-dinjità ta' kull individwu, il-ġid komuni, il-pluraliżmu u d-diversità, in-nonvjolenza u s-solidarjetà, kif ukoll ikunu abbli li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali, kulturali u ekonomika. Dan jiġbor ukoll l-aspetti kollha tal-iżvilupp soċjali u politiku. Jirrikjedi l-protezzjoni tal-batut, kif ukoll il-possibiltà li l-individwi jkuni differenti, biex jikkreaw u jinnovaw fl-istrutturi kulturali u soċjali tas-soċjetà li jgħixu fiha. Politiki għal integrazzjoni effettiva huma bżonnjużi sabiex l-immigranti jitħallew jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja tal-pajjiż fejn ikunu ospitati; filwaqt li jirrispettaw il-liġijiet u l-valuri bażiċi kif ukoll il-wirt kulturali. Strateġiji ta' integrazzjoni għandhom neċessarjament ikopru l-oqsma kollha tas-soċjetà, u jinkludu l-aspetti soċjali, politiċi u kulturali. Dawn għandhom jirrispettaw id-dinjità u l-identità distinta tal-immigranti u jittieħdu inkunsiderazzjoni meta l-politiki jkunu elaborati.

*Interkulturaliżmu / Interkulturalità:*

L-użu ta' dan it-terminu jimxi fuq l-istess ftehim u definizzjoni użat mill-Kunsill tal-Ewropa. L-interkulturaliżmu jirrikonoxxi bl-aktar mod espliċitu l-valur tad-diversità filwaqt li jsir dak kollu possibbli biex tiżdied l-interazzjoni, t-taħlit u l-ibridazzjoni bejn komunitajiet kulturali; minflok jinjora d-diversità jew li tkun enfasizzata bi kbir id-diversità li jwasslu biex jissaħħu l-ħitan bejn gruppi kulturalment distinti. L-interkulturaliżmu jaħseb ukoll għall-indirizzar ta' ċerti kwistjonijiet ta' kunflitti jew tensjoni kulturali b'mod miftuħ permezz ta' dibattitu pubbliku, bl-involviment ta' dawk involuti. L-interkulturalità tirrikonoxxi bl-aktar mod sħiħ il-bżonn li kull kultura tibqa' ħajja u tiffjorixxi imma tenfasizza wkoll id-dritt li l-kulturi kollha jikkontribwixxu bl-isfera kulturali tas-soċjetà minn fejn joperaw. L-interkulturalità ġejja minn fehma li l-kulturi jikbru biss f'kuntatt ma' kulturi oħra, u mhux f'iżolament. Din tfittex li ssaħħaħ l-interazzjoni interkulturali bħala mezz biex tinbena l-fiduċja u tkun imsaħħa l-fibra tal-kommunità. L-iżviluppar tas-sensittività kulturali, l-inkoraġġiment għal interazzjoni interkulturali u taħlit ma jitqiesx bħala r-responsabbiltà ta' xi dipartiment speċjali jew xi uffiċjal, iżda bħala aspett essenzjali għall-funzjoni tas-soċjetà sħiħa.